31994L0054

23.11.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 300/14

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 94/54/KE tat-18 ta' Novembru 1994 dwar l-indikazzjoni obbligatorja fuq l-ittikkettjar ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel ta' partikolaritajiet apparti minn dawk previsti fid-Direttiva 79/112/KEE

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-għoti tat-tikketti, il-preżentazzjoni u r-riklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 93/102/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi, wara li jiġu kkunsidrati l-iskop u l-effetti ta' l-azzjoni proposta, il-miżuri Komunitarji huma essenzjali jekk iridu jinkisbu l-miri ffissati; billi dawn il-miri ma jistgħux jinkisbu mill-Istati Membri huma u jaġixxu b'mod individwali; billi, barra minn hekk, id-Direttiva 79/12/KEE diġà tipprovdi għall-kisba ta' dawn il-miri fil-livell Komunitarju;

Billi, sabiex jiġi żgurat illi l-konsumaturi jirċievu t-tagħrif adegwat, huwa meħtieġ li tiġi pprovduta indikazzjoni obbligatorja, għal ċerti oġġetti ta' l-ikel, ta' partikolaritajiet oħra b' żieda ma' dawk ipprovduti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 79/112/KEE;

Billi l-gassijiet tal-pakkeġġjar użati fil-pakkeġġjar ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel ma jistgħux jiġu meqjusa bħala ingredjenti għall-għanijiet ta' l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 79/112/KEE u għalhekk ma għandhomx jiġu inklużi fil-lista ta' l-ingredjenti fuq it-tikketta;

Billi, madankollu, il-konsumaturi għandhom ikunu mgħarrfa bl-użu ta' dawn il-gassijiet billi dan it-tagħrif jgħinhom jifhmu għaliex l-oġġetti ta' l-ikel li jkunu xtraw għandhom ħajja fuq l-ixkaffa itwal minn prodotti simili ppakkeġġjati b'mod ieħor;

Billi sabiex jiġi pprevenut li jinħolqu xkilijiet għall-kummerċ mill-miżuri unilaterali meħuda mill-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġu adottati d-dispożizzjonijiet Komunitarji;

Billi, skond il-proċedura ta' l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE, din id-Direttiva ġiet issottomessa lill-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel li ma kienx kapaċi jesprimi opinjoni; billi, taħt l-istess proċedura, il-Kummissjoni ssottomettiet proposta lill-Kunsill li għandha x'taqsam mal-miżuri li jridu jittieħdu;

Billi, ġaladarba l-Kunsill ma adotta l-ebda miżura sat-tmiem tat-tliet xhur li kien mogħti, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 79/112/KEE, l-għoti tat-tikketti lill-oġġetti ta' l-ikel elenkati fl-Anness ma' din id-Direttiva għandhom jinkludu l-partikolaritajiet addizzjonali, kif iddikjarati fl-Anness.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom, meta meħtieġ, jemendaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom sat-30 ta' Ġunju 1995 hekk illi:

— jippermettu l-kummerċ fil-prodotti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1995,

— jipprojbixxu l-kummerċ fil-prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva b'effett mill-1 ta' Jannar 1997; madankollu, il-kummerċ imqiegħed fis-suq jew ittikkettjat qabel din id-data u li ma jikkonformax ma' din id-Direttiva jista' jissokta sakemm itemmu l-ħażniet.

Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza mal-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-20 jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussell, fit-18 ta' Novembru 1994.

*Għall-Kummissjoni*

Martin BANGEMANN

*Membru tal-Kummissjoni*

---

(1) ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1.
(2) ĠU L 291, tal-25.11.1993, p. 14.

*L-ANNESS*

**Il-Lista ta' l-oġġetti ta' l-ikel li għalihom l-għoti tat-tikketti jrid jinkludi partikolarità addizzjonali jew iktar**

| It-Tip jew il-Kategorija ta' l-Oġġett ta' l-Ikel | Il-Partikolaritajiet |
|---|---|
| L-Oġġetti ta' l-ikel li t-tul tal-ħajja tagħhom tkun ġiet imtawla permezz tal-gassijiet tal-pakkeġġjar awtorizzati skond id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE (1) | "Ippakkeġġjat f'atmosfera protettiva" |

(1) ĠU L 40, tal-11.2.1989. p. 27.